**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors Nru: 205/2021MV**

**Philip Ellul**
**(K.I. 0300942M)**
**Maria Rosa sive Rosaria armla minn Giuseppe Vella**
**(K.I. 0498834M)**
**(19, Casa Romantica, Triq Francesco Buhagiar, Qrendi)**

**Vs**

**Philip (K.I. 481454M) u Doris (K.I. 146459M) konjugi Borg**
**(21 Triq Sant' Anna, Qrendi)**

**Awtorita' tad-Djar.**
**(22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana)**

**Illum, 18 ta' Ottubru 2022,**

Il-Bord;

Ra ir-rikors ta' Philip Ellul (K.I. 0300942M) u ta' Maria Rosaria sive Rosaria armla minn Giuseppe Vella (K.I. 0498834M) datat 18 ta' Gunju 2021 fejn ippremettew is-segwenti:

“1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond 21 gja 8, Triq Sant’ Anna, Qrendi li r-rikorrenti akkwistaw mill-wirt tal-mejjet missierhom Joseph sive Giuseppi Ellul li miet fl-4 ta’ Mejju 1973 da parti tieghu kien akkwista l-fond mill-wirt tal-genituri tieghu li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala ‘Dokument A’.

2. Illi l-wirt tal-imsemmi Joseph Ellul iddevolva b’testment unica charta fl-atti tan-Nutar Nicola Said tat-2 ta’ Gunju 1969, fejn huwa innomina lit-tlett uliedu Philip, Joseph u Rosaria Vella bhala eredi tieghu. Martu Maria Lourdes Ellul mietet fit-30 ta’ April 1974. Joseph Ellul miet ghazeb u ab intestato fit-13 ta’ Frar 1979 u l-wirt tieghu ddevolva fuq hutu r-rikorrenti.

3. Illi l-fond in kwistjoni gie debitaemnet denunzjat lil Kummissarju tat-Taxxi Interni sia rigwardanti l-wirt ta’ Joseph Ellul u sia dak rigwardanti l-wirt ta’ Joseph Ellul il-bvin, pero peress li ghaddew iktar minn ghaxar snin mill-mewt tieghu, mhux necessarju li tingab kopja tad-denunzja relattiva.

4. Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat tant li gie rekwizzizzjonat fl-4 ta’ Awwissu 1982 u jgib in-numru ta’ rekwizzizzjoni RO 45122 u baqa’ hekk rekwizzizzjonat sal-gurnata tal-lum u gie allokat.

5. Illi l-intimati Borg li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala ‘Dokument C’.

6. Illi dan il-fond gie allokat lill-intimati Borg bil-kera ta' Lm12 fis-sena u baqa' hekk sal-1 ta' Jannar 2010 meta a tenur tal-Att X tal-2009 il-kera saret €185 u gholiet fl-1 ta' Jannar 2013 ghal €194 fis-sena u regghet gholiet fl-1 ta' Jannar 2016 ghal €200 fis-sena u regghet gholiet fl-1 ta' Janna 2019 ghal €209.60c fis-sena.

7. Illi ai termini tal-aTt XXIV tal-2021, ossia l-Att Dwar ir-Riforma tal-Kirjiet Residenzjali Kontrollati, sid il-kera huwa intitolat jipprezenta rikors quddiem il-Bord fejn jitlob li l-kera jigi rivedut ghal ammont li ma jeccedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jigi prezentat ir-rikors u sabiex jigu stabbiliti kondizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera.

8. Illi ai termini tal-Artikolu 4A(3)© tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-istadju inizjali tal-proceduri l-Bord ghandu jwettaq it-test tal-mezzi tak-kerrej, I ghandu jkun ibbazat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja 'Kriterji ta' Test tal-Mezzi), mahgruga that l-artikolu 1622A tal-Kodici Civili u kwalunkwe regolamenti li jistghu minn zmien gha zmien jissostitwuhom. It-test tal-mezzi ghandu jkun ibbazat fuq id-dhul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Dicembru tas-sena li tipprecedi s-sena li fiha jkunu nbdew il-proceduri u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Dicembru tal-imsemmija sena. It-test tal-mezzi ghandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, ghar-regolament 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) li ghandhom japplikaw mutatis mutandi.

9. Illi fejn il-kerrej ma jissodisfax il-kriterji tad-dhul tal-kapital tat-test tal-mezzi, il-Bord ghandu, wara li jkun sema' kwalunkewe evidencza u sottomissjonijiet mressqa mill-partijiet, jaghti decizjoni li tippermetti lill-kerrej zmien ta' sentejn (2) sabiex id-dar ta' abitazzjoni tigi vakata. Il-kumpens pagabbli lil sid il-kera ghall-okkupazzjoni tad-dar ta' abitazzjoni matul l-imsemmi perjodu ghadnu jigi determinat mill-Bord skont il-kaz.

Ghaldaqstant, tghid l-intimata, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex dan l-Onorabbli Bord m'ghandux:-

I. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Philip (K.I. 481454M) u Doris (K.I. 146459M) konjugi Borg ai termini tal-Att XXIV tal-2021, u ai termini tal-Artikolu 11(b)(5) TAL-Att Dwar id-Djar li ghandu jkun ibbazat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), mahruga taht l-artikolu 1622A tal-Kodici Civili u kwalunkwe regolamenti li jistghu minn zmien ghal zmien jissostitwuhom, u liema test tal-mezzi ghandu jkun ibbazat fuq id-dhul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Dicembru tas-sena 2020 u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Dicembru 2020, liema test tal-mezzi ghadnu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, ghar-regoalmenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) li ghandhom japplikaw mutatis mutanda f'dan il-kaz.

II. Jiddikjara u Jiddeciedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 21 Triq Sant' Anna, Qredni, ghandha tigi riveduta ghal ammont li ma jeccedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh, u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-kaz.

III. Jordna u jikkundanna lill-intimati Philip (K.I. 481454M) u Doris (K.I. 146459M) konjugi Borg jibdew ihallsu din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern.

IV. Jordna, f'kaz illi l-intimati Philip (K.I. 481454M) u Doris (K.I. 146459M) konjugi Borg ma jissodisfawx il-keriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test ta-mezzi, l-izgumbrament taghhom mill-fond in kwistjoni, fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Gunju 2021.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni u b'riserva u minghajr pegudizzju ghal kwalsiasi azzjoni ohra li tista' talvolta tigi prezentata." [1]

Ra li d-dokumenti anness mal-istess rikors promutur.

Ra ir-risposta tal-intimata Awtorita' tad-Djar a folio 10 tal-process fejn *in breve* ddikjara li:

"Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-fond.

[1] A folio 1 tal-process.

Illi l-atturi ukoll ghandhom jipproducu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti atturi taghhom.

Illi qabel xejn dan il-Bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.

Illi l-Awtorita' tad-Djar giet notifikata f'din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita' tad-djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f'dan il-kaz ma ghandhiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.

Illi jigi rilevat li f'kaz li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura l-kera ghandha tigi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-proprjeta' u dan skont l-Art. 4A tal-Kap. 69, jew Art. 12B tal-Kap. 158.

Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika l-mod kif l-Awtorita' tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika.

Illi jigi rilevat li l-inkwilini ikunu jistghu jibbenefikaw minn skema ta' sussidju tal-kera jekk jikkwalifikaw skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilini iridu ikunu qeghdin jabitaw fil-fond bhala residenza ordinarja taghhom.

Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord."

Ra ir-risposta tal-intimati Doris Borg u Philip Borg a folio 16 tal-process fejn eccepew li:

"1. Illi *in linea preliminari* u bla pregudizzju, ir-rikorrenti ghandhom jipprovaw li huma s-sidien unici tal-fond in kwistjoni;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, jinghad li zgur u mhux forsi, l-intimati jissodisfaw l-kriterji tal-test tal-mezzi hekk kif stabbilit fil-Legislazzjoni Sussidjarja 16.11 (Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi)), mahruga taht l-artikolu 1622A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodi releavanti u dan peress illi kwalunkew dhul u kapital huwa ferm anqas minn dak mahsub f'dan l-istess test u ghalhekk ir-raba' talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda;

3. Illi la darba d-dhul u l-kapital tal-esponenti huwa ferm inqas minn dak li mahsub fil-Ligi, m'ghandux jkun hemm l-ebda awment u dan senjatament tenendo conto tad-dhul u l-kapital limitat tal-esponenti;

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord jghaddi sabiex jistabbilixxi l-kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-Bord ghandu jaghmel dan biss wara li jqis il-benefikati estensivi li saru mill-intimati fil-fond u dan ukoll sabiex ma jinholox piz sproporzjonat ghall-esponenti;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, kemm-il darba dan il-Bord jistabilixxi kirja pagabbli ai termini tal-Att XXIV tal-

2021, dan il-Bord ghandu jordna li kwalunkwe zieda fil-kera m'ghandhiex tkun ir-rata massima ta' tnejn fil-mija (2%) izda ghandha tqarrab aktar lejn il-minimu u/jew b'rati mizjuda gradwalment – hekk kif huwa fid-diskrezzjoni tal-Bord li jordna u li tali kera awmentata ghandha tibda tithallas b'effett mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti qieghdin jopponu ghal kull talba ta' hlas ta' spejjez fir-rigward ta' din il-kawza u dan izjed u izjed ghaliex l-ebda interpelazzjoni ma qatt saret f'dana is-sens lill-istess esponenti, u wisq anqas l-ebda tentattivi bonarji f'dan is-sens;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jinghataw waqt il-prosegwiment tal-kawza."

Ra li fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2021 il-Bord ordna it-test tal-mezzi tal-intimata fit-termini tal-Artikolu 12B(2) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Bord fl-istess jum hatar lil Periti Mario Cassar u Elena Borg Costanzi.[2]

Ra r-rapport tal-periti teknici a folio 22 tal-process fejn irrelataw li ezaminaw il-fond *de quo* fit-12 ta' Jannar 2022. Il-periti ddikjaraw li l-fond jikkonsisti fi proprjeta' residenzjali li l-parti kbira minnha ghandha 'l fuq minn mitt sena. Il-proprjeta' ghandha *gross floor area* ta' circa 170 metri kwadri u mir-ritratt il-Bord seta' jinnota li tinsab fi stat tajjeb. Il-fond gie vvalutat mitejn u hamsa u sittin elf Ewro (€265,000).

[2] A folio 19 et seq. tal-process

**Doris Borg**, wahda mill-intimati xhedet[3] nhat it-8 ta' Marzu 2022 u kkonfermat id-dokumenti relatati mat-test tal-mezzi li gie ezebit a folio 37 tal-process. L-istess ghamel l-intimat l-iehor **Philip Borg**[4] fl-istess seduta.

Ra l-atti kollha u d-dokumenti kollha.

Fis-seduta ta' 14 ta' Gunju 2022 il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Ir-rikorrenti jsostnu li huma l-proprjetarji tal-fond 21 gja 8, Triq Sant'Anna, Qrendi. Dan il-fond gie akkwistat b'wirt tal-mejjet missierhom Joseph sive Giuseppi Ellul li miet fl-4 ta' Mejju 1973. Dan tal-ahhar kien akkwistah b'wirt minghand il-genituri tieghu. Dan il-fond mhux dekontrollat. Il-fond gie allokat lil-intimati Borg b'kera ta' LM12 fis-sena peress li gie rekwizizzjonat fl-4 ta' Awwissu 1982 (RO 45122 hu n-numru ta' rekwizzizzjoni). Bhalissa l-intimati qed ihallsu mitejn u disa' Ewro u sittin centezmu (€209.60) fis-sena.

Dawn il-fatti mhux kontestati mill-partijiet.

Skont stimi tal-periti teknici l-fond jiswa mitejn u hamsa u sittin elf Ewro (€265,000).

Ir-rikorrenti permezz ta' din il-kawza qieghdin jitolbu li jsir it-test tal-mezzi fuq l-intimati, awment ta' kera sal-massimu ta' 2% hekk kif

[3] A folio 34 tal-process
[4] A folio 35 tal-process

huwa permess mill-ligi u fil-kaz li l-inkwilini ma jikkwalifikawx ghall-ghajnuna skont kif stipulata mill-ligi jivvakaw mill-fond f'perjodu li jistabilixxi l-Bord.

**Provi**

Il-provi jikkonsistu fir-rikors tar-rikorrenti fejn jasserixxu t-titolu taghhom fuq il-fond 21 gja 8 Triq Sant' Anna Qrendi. Dawn jikkonsistu kopja tar-*requisition order* u c-certifikat tal-mewt ta' Giuseppi Ellul kif ukoll fil-prova minn estratt tar-registru elettorali li l-intimati jirrisjedu fil-fond *de quo*.

Min-naha taghha l-Awtorita' tad-Djar ma gabitx l-ebda provi hlief kif diga' inghad aktar 'l fuq u wiegbet ghar-rikors promutur.

L-istess jista' jinghad ghall-intimati fejn ma gabu l-ebda prova li tikkontradici l-pozizzjoni tar-rikorrenti. Inoltre' huwa pproduca t-test tal-mezzi kif kien ordnat minn dan il-Bord.

**Ikkunsidra:**

Illi l-ewwel zewg kriterji li jridu jissodisfaw lill-Bord biex jghaddi ghat-tieni analizi tal-kunsiderazzjonijiet tieghu huma tnejn:

1. Li r-rikorrenti jrid jipprova li il-fond in kwistjoni huwa taghhom; u
2. Li l-intimati jirrisjedu fil-fond in kwistjoni.

Mill-fatti u l-provi li ghandu quddiemu l-Bord jemmen li dawn gew ippruvati mir-rikorrenti u li ma hemm l-ebda cahda sa l-anqas fil-livell tal-probabbli mill-intimati. Ir-rikorrenti pproducew dokumentazzjoni sufficjenti dwar it-titolu taghhom fuq il-fond *de quo*.

L-istess jinghad ghall-inkwilin. Huwa accettaw li qed jirrisjedu fil-fond mertu ta' dawn il-proceduri u li qed ihallsu l-kera kif qed jallegaw ir-rikorrenti.

**Ikkunsidra:**

Illi mid-dokumenti prezentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirrizulta illi d-dhul ta' l-intimati ghas-sena 2021 kienet tikkonsisti f'penzjoni tal-irtirar ta' circa xxx Ewro (€xxx) fix-xahar kif ukoll *allowance* supplimentari ta' circa xxx Ewro (€xxx) u assistenza ta' mard ta' circa xxx Ewro (€xxx) fix-xahar ghal dhul totali ta' xxx Ewro (€xxx). Jidher ukoll li huma ghandhom kont tat-tfaddil mal-HSBC plc bin-numru 078-XXXXXXX-050 li fih circa xxx Ewro (€xxx). Ma jidhirx li ghandhom assi ohra. L-intimat Philip Borg hu dokumentat li ghandu dizabilita' fizika.

Ghaldaqstant il-konjugi Borg ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), ma jaqbzux dak stipulat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Ghar-rigward tal-kapital tal-intimat, ikkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirrizulta li lanqas dan ma jaqbez dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi mill-atti ma jirrizultax li tressqu l-ebda provi rigward applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raguni ghalfejn ghandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena citati.

Ghaldaqstant, Il-Bord jinsab sodisfatt li li il-konjugi Borg li jabitaw fil-fond ma jeccedux il-kriterji stabiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement jissodisfaw il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.  B'hekk mhux il-kaz li ghandu japplika l-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap hawn citat.

**Ikkunsidra:**

Illi l-valur fis-suq liberu u frank tal-proprjeta' ossija 21 gja 8 Triq Sant' Anna, Qrendi hu ta' mitejn, hamsa u sittin elf Ewro (€265,000) kif stabilit mill-membri teknici tal-Bord; hu abitabbli ghalkemm il-binja hija antika.  Il-fond jinsab f'kundizzjoni tajba.

Illi meta wiehed jigi biex jiffissa l-awment tal-kera il-Bord irid ihares kemm l-interess tas-sid kif ukoll dak tal-kerrej u jrid jara li jinholoq bilanc gust u ekwu ghall-partijiet.  F'dan is-sena ikun tajjeb li wiehed izomm quddiem ghajnejn il-principji delineati mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kaz **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb** deciza fit-3 ta' Far 20021 mill-Onorevoli Imhallef Mintoff (App. Nru. 126/2018/LM).

'*il-Qorti tikkonkludi li d-dhul fis-sehh ta' dawn l-emendi fil-ligi kienu mahsuba biex jindirizzaw u joholqu bilanc bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqghu jircievu hlas ta' kera irrizorja ghall-propjeta' taghhom wara li ilhom imcahhdin minnha snin, u il-jeddijiet tal-inkwlini li jibqghu jghixu fid-dar li ilhom snin jaghrfu bhala ir-residenza ordinarja taghhom.*'[5]

[5] Is-sentenza kienet qed tanalizza l-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 u allura l-emendi introdotti wara, ossija tramite l-Att XXIV tal-2021, jimxu id f' id u fuq l-istess principji.

Il-Bord jaghmilha cara li mhux bi hsiebu jaghti skossi lill-kerrejja dment li s-sid waqt il-proceduri ma jurix u jippruvax li l-kirja minnu misthoqqha qed taghmillu xi differenza sostanzjali ghall-ghejxien tieghu ta' kuljum. Dan ma jidhirx f'dan il-kaz mill-atti processwali u li ghandu l-Bord quddiemu. Min-naha l-ohra jidher li l-intimati ghandhom introjtu baxx u anke' l-likwidita' finanzjarja taghhom hija wahda baxxa. Maghdud dan huma ghandhom certa eta' kif ukoll l-intimat Philip Borg ghandu dizabilita' fizika li hija dokumentata fil-process.

Ghaldaqstant, il-Bord ihoss li tenut kont tal-fatti speci ta' dan il-kaz ghandu jgholli il-kera b'1% ghas-sena kurrenti ossija 2022 fis-sena jigifieri elfejn, sitt mija u hamsin Ewro (€2,650) u mis-sena 2023 ghal 1.8% jigifieri ghal erbat elef, seba' mija u sebghin Ewro (€4,770) fis-sena.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba peres li diga' saret fil-mori ta' dawn il-proceduri.

2. Jiddikjara u jiddecidi li l-kera ghandha tigi riveduta b'1% fis-sena ghas-sena kurrenti ossija 2022 jigifieri elfejn, sitt mija u hamsin Ewro (€2,650) u mis-sena 2023 ghal 1.8% jigifieri ghal erbat elef, seba' mija u sebghin Ewro (€4,770) fis-sena.

3. Jordna lill-intimat biex jibdew ihallsu il-kera kif hawn fuq deciz ossija b’1% ghas-sena kurrenti, ossija 2022 jigifieri elfejn, sitt mija u hamsin Ewro (€2,650) u mis-sena 2023 ghal 1.8% jigifieri ghal erbat elef, seba’ mija u sebghin Ewro (€4,770) fis-sena.

4. Jichad ir-raba’ talba kif dedotta minhabba li l-konjugi Borg jissodisfaw il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.

Kull parti tbati l-ispejjez taghha ta’ dawn il-proceduri.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.,***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur